MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1366/2003

**Maurice Galea**

**Vs**

**Kenneth Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija w erbghin lira Maltin (Lm840) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li qatt ma kien hemm oppozizzjoni da parti tieghu li ssir favur l-attur hlas ta' danni izda l-ammont pretiz huwa esagerat. Il-konvenut qal ukoll li m'ghandux ibati l-ispejjez gudizzjarji.
Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-Noti ta' Referenzi tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi filwaqt li l-attur qieghed jippretendi tmien mija w erbghin lira Maltin (Lm840) bhala danni l-konvenut qieghed isostni li ma jistax ipoggi lill-attur f'pozizzjoni ahjar milli kien qabel l-incident. Jekk il-vettura ta' l-attur kienet tiswa mitejn lira Maltin (Lm200) qabel l-incident, il-konvenut ma jistax jigi kkundannat ihallas tmien mija w erbghin lira Maltin (Lm840).

Illi hemm diversi sentenzi li jikkonfermaw il-principju li:

"Jekk il-karozza tigi kkonsiderata bhala *total loss* allura l-attur hu ntitolat jigbor minghand il-konvenut id-differenza bejn il-valur ta' l-istess karozza qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra." Ara **Debono Vs Bugeja - Appell Civili 30/4/1990**.

Illi l-attur ipprezenta stima minghand AR & S fl-ammont ta' tmien mija w erbghin lira Maltin (Lm840) ghar-riparazzjonijiet.

Illi s-surveyor Charles Cauchi ghamel Rapport fejn qal li jhoss li l-assigurazzjoni ghandhom ihallsu hames mitt lira Maltin (Lm500) u l-attur izomm il-karozza. Is-surveyor qal li bil-hsara li kellha, kieku saru r-riparazzjonijiet l-ispejjez kienu jaqbzu l-*pre-accident value*. Is-surveyor qal li hu jikkunsidra l-prezz li tista' tbiegh karozza bhal din u mhux il-prezz meta nxtrat il-karozza. Ix-xhud spjega kif certi karozzi jitilfu l-valur.

L-attur ma gab l-ebda stima ndipendenti dwar il-valur tal-vettura tieghu qabel il-habta. Min-naha l-ohra qabel il-habta l-attur kellu vettura li seta' juza w illum jekk jinghata hames mitt lira Maltin (Lm500) huwa difficli li jsib karozza ta' l-istess tip bl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Illi f'kull kaz l-attur ma jistax jippretendi li jonfoq tmien mija w erbghin lira Maltin (Lm840) fuq karozza li qabel l-incident kienet tiswa mitejn lira Maltin (Lm200) jew inqas. Ghaldaqstant l-offerta ta' l-assigurazzjoni li l-attur ghandu jzomm il-karozza u jiehu hames mitt lira Maltin (Lm500) kienet offerta ragunevoli.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-attur, jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident, jillikwida d-danni fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) b'dan illi l-attur ghandu jzomm il-vettura u jikkundanna lill-konvenut ihallas hames mitt lira Maltin (Lm500) lill-attur bhala danni. Billi l-konvenut kien diga' ghamel din il-proposta qabel l-incident kull parti jhallas l-ispejjez tieghu. Il-konvenut naqas li jiddepozita l-ammont u ghalhekk ghandu jbati l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------